# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2188

**Kaz Numru 2961 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Neil Attard ID 34784M**

**u**

**Globe Ground Malta Limited**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 5 ta' Dicembru 1012**

**1. Riferenza**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar l-14 ta' Ottubru 2011.

**2. Rapprezentanza**

2.1 Neil Attard, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukata Anne Marie Spiteri.

2.2 Il-kumpanija Globe Ground Malta Limited, li minn issa 'l quddiem ser tissejjah il-kumpanija intimata, kienet irrapprezentata minn Joe Cefai meghjun mill-Avukat Godwin Muscat Azzopardi u mis-Sur Alfred Mallia Milanes.

**3. Fatti tal-kaz fil-qosor**

Nhar il-11.05.09, ir-rikorrenti beda fl-impieg fuq kuntratt ghal zmien fiss ta' sitt xhur fil-kariga ta' *Driver Loader*, li wara ggedded ghal sitt xhur ohra, u kompla jkun estiz ghall-istess perjodi ta' sitt xhur sat-22.11.11. Matul dan iz-zmien kollu ir-rikorrent kellu relazzjoni tajba mal-Principal, u ghalkemm kien ikkoregut u mwiddeb bil-miktub diversi drabi dwar nuqqas ta' puntwalita` kien jaqdi dmirijietu b'mod sodisfacenti. Nhar it-08.07.11, meta kien fi triqtu ghax-xoghol allegatament kien involut f'incident tat-traffiku.

Minhabba f'hekk f'xi hin cempel u avza lis-*Supervisor* li kien ser jidhol tard. Ir-rikorrent allega li s-*Supervisor* ordnalu jibqa' barra bil-*leave*. Il-kumpanija allegat li fl-istess jum, fil-ghaxija, ir-rikorrent attenda ghal loghba *football* b'idu mfaxxata. Nhar is-26.07.11 il-kumpanija intimata temmitlu l-impieg b'effett mit-08.07.11.

**4. Lista tax-xhieda**

4.1 Joseph Bugeja, Malcolm Camilleri, Joe Cefai, Stefan Farrugia, John Gauci u Joe Grima xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Steve Buhagiar, Martin Degiorgio u Christian Magro xehdu ghar-rikorren, u r-rikorrent xehed ghalih innifsu.

**5. Lista ta' dokumenti**

5.1 IL-kumpanija intimata esebiet id-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'erba' pagni u sitt dokumenti mmarkati Dok. GG1 sa Dok. GG6.

5.2 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz konsistenti f'erba' pagni u tliet appendici, immarkati Dok.A sa Dok.C.

**6. Gabra fil-qosor tax-xhieda**

6.1 **Neil Attard,** ir-rikorrent, stqarr li beda fl-impieg mal-kumpanija intimata nhar il-11.05.09 u tkecca fit-08.07.11, u matul dan iz-zmien kien ripetutament imfahhar li kien jaghmel xoghlu tajjeb. Ix-xhud qal li matul ix-xhur tas-Sajf kien jahdem sighat twal, u kif kien jithallas ghalihom, u ddeskriva fid-dettal is-sistema wzata ghar-registrazzjoni tal-attendenza u ammetta li xi drabi dahal tard, izda cahad li xi darba falla minghajr avviz. Minkejja d-domanda kontinwa u esagerata fuq il-hin tieghu ammetta li l-*leave* dovut lilu hadu kollu, u dak li kien fadallu wara li tkecca thallas tieghu. Hu qal li meta kien muri li falla minghajr permess kien dahal ghax-xoghol, izda nesa jiffirma d-dokument tal-attendenza. Ix-xhud semma incident meta dahal ghax-xoghol flimkien ma' Stefan Buhagiar u li fil-waqt li Stefan Buhagiar kien imwiddeb ghal tardivita' ta' hames minuti, hu kien imwiddeb ghal hmistax-il minuta. Zied jghid li kellu diffikulta` personali biex jahdem bis-sahra minhabba li kellu restrizzjoni meta seta' jara lil bintu, u fil-jiem allokati lilu mill-Qorti biex jiltaqa' ma bintu ma kienx ikun irid jidhol jahdem bis-sahra ghaliex kien jitlef din l-opporunita'. Kompla li Joe Grima kien tip ta' persuna li jekk ma tidholx tahdem bis-sahra kien jaghmillek hajtek mizerja permezz ta' kif kien ifassal l-iskeda tax-xoghol. Irrakkonta kif darba accetta li jidhol jahdem il-Hadd biex ikun jista' jiehu l-*leave* li kellu bzonn f'jum iehor, u Joe Grima ma zammx kelmtu mieghu u rrifjuta li japprovalu l-*leave*. Dwar l-impjegat Glenn Borg Marks qal li kulhadd kien jiccajta flimkien

inkluz Glenn stess, izda dan kien jispicca jirrapporta lil kulhadd. Minkejja li meta kien imwiddeb dwar dan ic-cajt kien spjega li t-telefon cellulari tieghu ma kellux camera u li mhux minnu li lil Glenn Borg Marks kien indikalu li qieghed jehodlu xi ritratt, xorta wahda t-twiddiba baqghet. Nhar l-incident kien ordnat xoghol bejn l-10.00am. u s-2.00pm. u wara li kien imdewwi l-Poliklinika ta' Rahal Gdid cempel fl-10.40am, u Joe Grima wiegbu li seta' johrog b*il-leave* u ma jidhol xejn ghaliex kellu ordni biex ma jaccettahx ghax-xoghol. Fil-ghaxija mar jilghab il-*football,* ghaliex deherlu li galadarba kien tkecca seta' jaghmel hekk. L-ghada ma dahalx ghax-xoghol u t-tabib tal-kumpanija ma kienx mar ghandu. Ix-xhud zied jghid li wara xi granet cempel biex jiccara kif kien ser jibqa' u John Gauci wiegbu li kellu jistenna sakemm jircievi ittra. Minn dak in-nhar ma dahalx aktar jahdem u wara tliet gimghat ircieva ittra li temmitlu l-impieg.

6.2 **Joseph Bugeja,** impjegat fil-kariga ta' *Chief Operations Officer* mal-kumpanija intimata, ghamel spjega fil-qosor tax-xoghol tieghu, u kompla li lir-rikorrent jafu. Ix-xhud kompla jghid li minhabba rapporti ripetuti li kienu jaslulu rigwardanti nuqqas ta' puntwalita' ghax-xoghol u wkoll li jfalli minghajr avviz u permess, gie li widdbu biex jevita dawn in-nuqqasijiet. Ghalkemm ir-rikorrent gie li kkontesta r-rapporti, kien hemm okkazjonijiet fejn ammetta n-nuqqas u wieghed li kien ser jaghmel hiltu biex ikun fil-hin u ma jfallix. Ix-xhud zied jghid li minhabba li n-nuqqasijiet komplew, inhargu twiddibiet miktuba, u kkonferma li kull decizjoni ta' htija hi appellabbli. Ix-xhud ikkonferma li kien hemm smigh pendenti li ma lahaqx sar minhabba l-ahhar incident li sehh, u li b'konsegwenza tieghu ntemm l-impieg tar-rikorrent. Ix-xhud temm jghid li fiz-zmien meta sehh l-ahhar incident in kwistjoni ma kienx hemm taghmir biex l-impjegati jirregistraw l-attendenza taghhom, u li hu ma kienx il-persuna li tistenna l-impjegati jidhlu ghax-xoghol, allura kien jistrieh fuq ir-rapporti li kien jaghmel ir-*Ramp Supervisor*.

6.3 **Steve Buhagiar**, ex-impjegat tal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Driver/Loader* fuq kuntratt definit, stqarr li meta ghalaq il-kuntratt ta' sena l-kumpanija intimata ma geddithulux. Zied jghid li ghalkemm ipprotesta kemm-il darba dwar li kien jahdem bejn 48 u 60 siegha fil-gimgha kien kollu ghalxejn. Ix-xhud spjega s-sistema bil-miktub li kienet tintuza ghar-registrazzjoni tal-attendenza, u kompla jghid li meta hu u r-rikorrent kienu dahlu ghax-xoghol flimkien, fil-kaz tieghu kien immarkat li dahal hames minuti tard u r-rikorrent kien immarkat li dahal kwarta tard. F'okkazjoni ohra kien akkuzat li dahal tard, u meta ikkontesta l-akkuza xorta wahda nghata twiddiba bil-miktub. Ma appellax ghaliex ma kienx jaf li seta' jaghmel hekk. Ix-xhud irrakkonta li darba fost l-ohrajn hu u r-rikorrent kienu ftiehmu x'setghu jaghmlu biex ir-rikorrent ikun jista' jiehu xi sighat *leave,* u r-rejazzjoni allegatament pikuza tar-*Ramp Supervisor* li hassret l-arrangament li kienu ghamlu.

Ix-xhud temm jghid li kien jaf lil Glenn Borg Marks, u li dan kien dejjem jahseb li l-impjegati l-ohra kienu jigbdulu r-ritratti u jispicca jirrapporta lil kulhadd.

6.4 **Joseph Cefai**, impjegat fil-kariga ta' *Human Resources Manager* mal-kumpanija intimata ikkonferma l-firma tieghu fuq l-ittri esebiti ta' twiddib indirizzati lir-rikorrent, u stqarr li r-rikorrent kellu storja ta' attendenza tardiva u falliment minghajr avviz minn qabel, li dwarhom kien imwiddeb ripetutament bil-fomm u bil-miktub. Meta jinqalghu l-incidenti x-xhud kien jitkellem mar-rikorrent biex jisma' l-ispjega ghall-allegata offiza, u meta dan ma jiskulpax ruhu kien ikollu l-ittra lesta u jaghtihielu f'idu. Meta jigri hekk kien jgharraf lill-impjegat li seta' jappella mid-decizjoni. Ix-xhud spjega fil-qosor is-sistema wzata fil-kumpanija intimata rigwardanti l-mod kif tkun registrata l-attendenza puntwali jew tardiva u l-falliment tal-impjegati. Zied jghid li r-rikorrent kellu wkoll storja ta' *leave* ghal mard li tisboq tliet darbiet id-dritt statutorju. Minbarra hekk *il-leave* ghall-mard tieghu kien jittiehed fi tmiem il-gimgha jew meta tkun festa pubblika meta l-kumpanija intimata kien ikollha tkampa ma' xoghol hafna aktar minn granet ohra. Ir-rikorrent kien kuntrattat ghal zmien definit u t-tigdid tal-kuntratt kien qieghed isir ghal zmien iqsar minn ta' ohrajn ghaliex il-kumpanija ma kinitx thossha sigura dwar il-prospetti ghal titjib fl-attendenza tieghu. Wara li sehh l-incident li wassal ghat-temma tal-impieg, ic-*Chief Executive Officer* ordna li r-rikorrent ma jithalliex jidhol ghax-xoghol qabel ma jinvestigaw il-kaz. Ix-xhud stqarr li meta kellem lir-rikorrent dwar l-ahhar incident dan finalment ammetta li kien mar jilghab il-*football* mat-team tal-kumpanija intimata. Meta sehh l-incident in kwistjoni r-rikorrent kellu smigh pendenti dwar akkuza ta' allegazzjoni ta' falliment mix-xoghol minghajr permess. Ix-xhud esebixxa kopja tad-dikjarazzjoni tal-paga ghaz-zmien bejn it-13.06.11 u l-10.07.11, li ghal-beneficcju tat-Tribunal Industrijali kien zied kumment biex jikkonferma li r-rikorrent kien thallas u ma nqataghlu ebda *leave* meta falla minghajr permess.

6.5 **Malcolm Camilleri**, impjegat fil-kariga ta' *Chief Executive Officer* mal-kumpanija intimata, spjega fil-qosor l-effett ta' tardivita' u falliment mix-xoghol fuq l-operat tal-kumpanija intimata. Zied jghid li ghalkemm ma kienx mistenni minnu li jattendi biex josserva l-impjegati dehlin ghax-xoghol biex jivverifika l-puntwalita', kien dejjem mgharraf mis-subordinati tieghu dwar l-istorja ta' tardivita' u fallimenti mix-xoghol ta' diversi impjegati. Zied jghid li r-rikorrent kellu storja twila u hazina ta' tardivita' u falliment mix-xoghol u kien ukoll mgharraf dwar il-passi li jkunu ttiehdu kontra l-impjegati. Ix-xhud spjega wkoll is-sistema dixxiplinarja wzata fil-kumpanija fejn minbarra li l-impjegati kienu mgharrfa bis-sistema tal-appell, f'kull decizjoni qabel jintemm l-impieg minhabba nuqqas ta' dixxiplina kienu jinghataw tliet twiddibiet. Fil-kaz in kwistjoni r-rikorrent kellu aktar twiddibiet minn hekk. Meta nqala' l-

ahhar incident hu kien mgharraf bid-dettalji tal-kaz u ghalkemm ir-rikorrent ma thalliex jidhol ghax-xoghol fl-istess jum, ir-rikorrent inghata l-opportunita' li jiskolpa ruhu u ma rnexxilux. Zied jghid li d-decizjoni tat-temma tal-impieg wasal ghalijha jiem wara u ttiehdet wara li gharbel l-istorja kollha ta' tardivita' u falliment mix-xoghol tar-rikorrent.

6.6 **Martin DeGiorgio,** ex-impjegat tal-kumpanija intimata ghal madwar sentejn u nofs, stqarr li l-kumpanija intimata ma kellhiex taghmir ghar-registrazzjoni tal-hin, u li l-attendenza ghax-xoghol tal-impjegati kienet tkun registrata permezz ta' firma ta' kull individwu fuq dokument li kien ikun ippreparat minn qabel, u li kien juri l-hinijiet tax-xift ta' kull individwu ghal kull jum tal-gimgha. L-iffirmar kien isir fil-prezenza ta' Joe Grima jew ta' wiehed mill-*Head Loaders*, u gie li wkoll ma kien ikun hemm hadd. Ix-xhud zied jghid li gie li kienu jdumu fuq ix-xoghol u ma jithallsux tal-hin zejjed, jekk dan ma jaqbizx nofs siegha. Ix-xhud ikkonferma li darba fost l-ohrajn ir-rikorrent u impjegat iehor kienu ftiehmu li wiehed jissostitwixxi lill-iehor ghal xi sighat, izda minkejja li tali bdil gie li sar, f'din l-okkazjoni Joe Grima rrifjuta li l-bidla ssir. Zied jghid li fid-drabi meta wiehed jirrapporta li ma jkunx jiflah jattendi ghax-xoghol jista' jkun invistat mit-tabib tal-kumpanija intimata u gie li ma jkunx, u li hu qatt ma pprezenta certifikati ghall-mard, lanqas meta kien marid. Ix-xhud spjega li fiz-zmien tas-Sajf kienu jahdmu sighat twal u li matul is-sena kellhom jum frank wiehed fil-gimgha. Jekk wiehed kien jilmenta dwar dawn il-kundizzjonijiet l-attitudni tal-ufficjali tal-kumpanija intimata kienet tkun negattiva.

6.7 **Stefan Farrugia,** impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Driver/Loader,* stqarr li l-istess kumpanija ghandha *team* tal-*football* u li r-rikorrent hu wiehed mill-membri ta' dan it-*team*. Zied jghid li fi tmiem il-jum meta allegatament sehh l-incident tat-traffiku in kwistjoni kellhom partita fil-ghaxija u li minkejja li r-rikorrent kellu idu nfaxxata, attenda mieghu u ha sehem fil-partita.

6.8 **John Gauci**, impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Senior Officer-Ramp Services,* stqarr li fix-xoghol tieghu hu jara l-iskedi tax-xoghol u wkoll ir-rapporti tal-attendenza, u jkun jaf min attenda ghax-xoghol tard jew falla. Zied jghid li hu kellem lir-rikorrent diversi drabi dwar it-tardivita' u l-fallimenti, u r-rikorrent innega darba biss l-akkuzi li kellu. Ir-rikorrent kien imwiddeb ukoll dwar allegazzjonijiet li kien jittanta persuna li kellha fizonomija qasira u li kienet sensittiva hafna dwar l-istatura tieghu. Ix-xhud spjega fil-qosor ir-riperkussjonijiet fuq l-operat tar-Rampa meta l-impjegati jaslu tard jew ifallu mix-xoghol minghajr avviz minn qabel, u kkonferma li saz-zmien meta ntemm l-impieg tar-rikorrent ir-registrazzjoni tal-hin kienet issir bil-kitba ghaliex ma kienx hemm taghmir apposta. Zied jghid li minhabba l-istorja ta' tardivita` u falliment, ir-rikorrent kien inghata twiddibiet miktuba u wkoll li s-sistema

ta' dixxiplina kienet toffri opportunita` ghal appell. Ix-xhud zied jghid li xi drabi r-rikorrent kien jaghti avviz tard biex jiehu *l-leave*. Ikkonferma li meta jattendi ghax-xoghol ir-rikorrent kien jaghmel xoghlu tajjeb u li l-kumpanija intimata kienet qieghda tikkonsidra li tahtru f'kariga oghla, izda kollox waqaf meta nqala l-incident in kwistjoni li wassal ghat-temma tal-impieg. Ix-xhud ikkonferma li wara li sehh l-incident kienet harget ordni biex ir-rikorrent ma jithalliex jidhol ghax-xoghol qabel ma jkellmu xi hadd f'kariga manigerjali.

6.9 **Joe Grima**, impjegat mal-kumpanija intimata fil-kariga ta' *Ramp Supervisor*, stqarr li r-rikorrent kien ripetutament jattendi tard ghax-xoghol u jfalli minghajr avviz minn qabel, u li minhabba f'hekk kien imwiddeb diversi drabi kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub. Dan it-taghrif kien jafu ghaliex hafna drabi hu kien ikun fil-kamra jistenna l-impjegati dehlin ghax-xoghol, u meta jaslu tard hu kien jaghmel nota fuq id-dokument tal-attendenza. Fiz-zmien sakemm kien impjegat ir-rikorrent il-kumpanija intimata kien ghad ma kellhiex it-taghmir ghar-registrazzjoni tal-hin tal-attendenza. Drabi ohra wara l-pubblikazzjoni tal-iskeda tax-xoghol ir-rikorrent kien jghidlu li kellu bzonn jiehu *l-leave* biex jattendi l-Qorti. Dawn it-talbiet gie li laqaghhom u gie li le. Nhar l-incident in kwistjoni li wassal ghat-temma tal-impieg, ir-rikorrent kien skedat xoghol bejn it-8.00am. u l-4.00pm. Waqt il-konfront mar-rikorrent ix-xhud ikkorega ruhu u qal li x'aktarx li x-xift kien bejn l-10.00am. u l-4.00pm. Zied jghid li s-soltu meta jaqbzu t-8.00am. u jara li r-rikorrent ikun ghadu ma wasalx kien icempillu biex jara jekk ikunx diehel ghax-xoghol, u jekk iva jistaqsih fejn ikun wasal fi triqtu. Nhar l-incident ghamel hekk ghal erba' darbiet bejn it-8.05am u 12.00, u r-rikorrent ma wegibx it-telefon cellulari. Wara nofs in-nhar bejn is-2.30pm. u t-3.00pm. cempel ir-rikorrent, u qallu li kien hiereg mill-emergenza tal-Isptar ghaliex kien habat bil-karozza. Waqt il-konfront mar-rikorrent ix-xhud ikkorega ruhu u qal li r-rikorrent cempillu f'xi l-4.00pm. Zied jghid li Joe Bugeja kien ordnalu biex jirregistra lir-rikorrent li falla minghajr avviz minn qabel. F'xi hin l-ghada filghodu sar jaf li filghaxija fil-jum ta' qabel, ir-rikorrent kien attenda u laghab il-*football* mat-*team* tal-kumpanija intimata. Ix-xhud cahad li kellu ordni biex jghidlu ma jidholx ghax-xoghol jew biex jiehu *l-leave*. L-ghada fil-ghodu fis-7.30am. rega' cempel u qallu li ma kienx diehel ghax-xoghol ghaliex kien ma jiflahx, u baghatlu lit-tabib tal-kumpanija. Waqt il-konfront mar-rikorrent ix-xhud qal li ma jiftakarx kienx baghatlu t-tabib. Minn dak in-nhar 'il quddiem ir-rikorrent qatt ma rega' dahal ghax-xoghol.

6.10 **Christian Magro**, ex-impjegat tal-kumpanija intimata, spjega fil-qosor is-sistema tar-registrazzjoni tal-attendenza ghax-xoghol tal-impjegati. Zied jghid li f'okkazjoni wahda wara li kien irrifjuta talba ta' Joe Grima biex jidhol jahdem bis-sahra, kien offra li jissostitwixxi lir-

rikorrent ghal xi hin biex dan ikun jista' jaghmel qadja. Xi haga li kienet permessa hafna drabi qabel ma' haddiehor. Izda din id-darba Joe Grima kien irrifjuta li jaccetta din is-sostitutuzzjoni b'pika ghaliex hu kien irrifjuta s-sahra.

## *7.* Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Godwin Muscat Azzopardi f'isem il-kumpanija intimata:

7.1.1 Argumenta li:

- Il-kumpanija intimata ghandha xoghol ta' natura partikulari fejn il-volum tax-xoghol ivarja skond il-hin tal-jum, mal-istaguni, tluq u wasliet tard ta' titjiriet, u wkoll minhabba wasliet ta' ajruplani mhux skedati.

- Il-Kumpanija intimata timpjega 92 persuna f'karigi diversi fuq skeda ta' 24/7 u konsegwentement kull tardivita` u/jew falliment ta' impjegati jharbtu l-pjan tax-xoghol bil-konsegwenza ta' tfixkil fl-operat b'effett negattiv fuq l-ispejjez minhabba l-possibbilta` ta' hlas ta' penalitajiet.

- Il-kumpanija intimata taghmel investiment sostanzjali f'tahrig ghall-impjegati u konsegwentement ma taghmilx sens it-tezi tar-rikorrent li kien diskriminat bil-hsieb li jintemmlu l-impieg.

- Fil-bidu ta' kull impieg il-kumpanija intimata toffri serje ta' kuntratti ta' sena, izda fil-kaz tar-rikorrent kienet toffrilu kuntratti ta' sitt xhur. Dan ma kienx isir minhabba xi nuqqas fil-kontribut tieghu lejn ix-xoghol, izda minhabba l-istorja hazina li kellu rigwardanti tardivita` u falliment minghajr permess jew avviz minn qabel.

- Tant ma kien hemm ebda hsieb ta' vittimizzazzjoni li qabel l-ahhar incident in kwistjoni kien hemm il-hsieb li r-rikorrent jinghata promozzjoni biex isuq taghmir akbar.

- Ix-xhieda tar-rikorrent hi nieqsa mill-kredibilita` ghaliex fiha diversi inkonsistenzi dwar il-hin meta cempel lil Joe Grima, il-post minn fejn cempel, u l-gravita` tal-ferita li sofra fl-allegat incident stradali. Minkejja kollox fil-ghaxija mar jilghab il-*football* mat-team tal-kumpanija intimata ghaliex qal li kien ga mkecci. B'dan kollu l-ghada rrapporta li kien ma jiflahx u wara xi granet rega' cempel biex jara kif kien ser jibqa' dwar l-impieg.

- Ghalkemm l-ittra tat-temma tal-impieg hi datata 08.07.11, din inkitbet numru ta' granet wara li ntemmu l-investigazzjonijiet u d-deliberazzjonijiet dwar l-istorja precedenti fl-impieg tar-rikorrent u dik dwar l-ahhar incident in kwistjoni. Konsegwentement id-data hi dik meta t-temma tal-impieg hi effettiva u mhux ghaliex id-decizjoni tat-temma tal-impieg ittiehdet f'dak il-jum.

- Ir-rikorrent kellu storja hazina rigwardanti l-puntwalita`, falliment mix-xoghol u affarijiet ohra, u li minhabba f'hekk kienet hargitlu sensiela ta' hames twiddibiet.

- Ir-riferenzi li ghamlet id-difiza ghal decizjonijiet f'pajjizi ohra ma jghoddux ghal Malta.

7.1.2 Talab biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrenti tkecca ghal raguni gusti u sufficjenti skont il-ligi.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Anne Marie Spiteri f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Argumentat li:

- L-kumpanija intimata tellghet hames xhieda biex tipprova l-kaz u dawn taw verzjonijiet differenti tal-fatti rilevanti li wasslu ghat-temma tal-impieg.

- Joe Grima kien jaghmel diskriminazzjoni bit-tmexxija li kien jaddotta ma' min ma jidholx bis-sahra, u nepotizmu bil-mod kif kien ifassal l-iskeda ghal attendenza nhar ta' Hadd. Dan kien jikkostitwixxi ambjent tax-xoghol ostili ghal numru ta' impjegati. L-istess xhud konsistentement innega li kellu xi ordni biex lir-rikorrent ma jaccettahx ghax-xoghol, izda ma setax jispjega kif wara li r-rikorrent cempillu mill-Poliklinika ta' Rahal Gdid, l-istess rikorrent ma dahalx ghax-xoghol. Fl-istess waqt kemm Joe Gauci kif ukoll Joseph Cefai ikkonfermaw bi kliem differenti li Joe Grima kien inghata ordni biex ir-rikorrent ma jithalliex jidhol jahdem qabel ma jaghmel kuntatt mad-Dipartiment tar-Rizorsi Umani.

- L-akkuzi ta' tardivita` ma kinux ippruvati, u dwar wahda mill-akkuzi ta' falliment kien hemm kontestazzjoni mir-rikorrent li f'dak il-jum hu kien attenda ghax-xoghol, izda nesa jiffirma. Tant hu minnu dan li l-*payslip* esebita mill-kumpanija intimata

ghaz-zmien meta sehh wiehed mill-incidenti ta’ falliment turi li r-rikorrent kien thallas u ma tnaqqaslu ebda *leave*.

- Id-decizjoni tal-kumpanija intimata kienet tammonta ghal tkeccija sommarja minghajr opportunita` ta’ difiza. Dan ghaliex l-ittra tat-temma tal-impieg kienet datata 08.07.11 fl-istess jum tal-incident in kwistjoni. L-istess Malcom Camilleri, ikkonferma li t-tkeccija kienet sommarja minghajr opportunita ta’ difiza. Dan minkejja l-fatt li t-taghrif li fuqu bbaza d-decizjoni ta’ tkeccija kien moghti lilu minn ohrajn u konsegwentement mhux ammissibbli quddiem it-Tribunal Industrijali.

- It-twiddibiet li harget il-kumpanija intimata lir-rikorrent kif ukoll l-amministrazzjoni tal-ahhar incident kollha jiksru d-dritt ta’ smigh xieraq.

- Biex tkeccija tkun konformi mal-ligi jehtieg li mhux biss din tkun serja, izda wkoll li l-akkuzat jinghata l-opportunita` ta’ difiza. F’dan il-kaz il-kumpanija ma offrietx opportunita` ta’ difiza.

- Ghamlet riferenza ghal numru ta’ decizjonijiet tat-Tribunal Industrijali u wkoll ta’ korpi f’pajjizi ohra.

7.2.2 Fid-dawl ta’ dan kollu talbet lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-l-kumpanija intimata temmet l-impieg tar-rikorrenti minghajr raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens skont il-ligi.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

Jirrizulta mill-provi li:

8.1 L-istorja ta’ nuqqas ta’ puntwalita` mix-xoghol tar-rikorrent ma tinstabx biss fit-twiddibiet miktuba esbiti. Joseph Bugeja, Joseph Cefai u John Gauci kollha xehdu li minbarra t-twiddib miktub kien hemm okkazjonijiet addizzjonali meta huma separatament widdbu lir-rikorrent bil-fomm rigwardanti n-nuqqas ta’ puntwalita` tieghu ghax-xoghol. Ix-xhieda taghhom f’dan ir-rigward kienet konsistenti u kredibbli. Minbarra dan bejn it-13.08.09 u t-08.07.11 ir-rikorrent allegatament ta fastidju lil impjegat iehor, kompla jattendi tard ripetutament, u falla mix-xoghol ghal granet shah allegatament tliet darbiet. It-Tribunal Industrjali kkonkluda li galadarba f’jum minnhom il-kumpanija intimata hallsitu tal-jum li

kien muri li falla, f'dan il-jum ir-rikorrent kien attenda, kif qal hu, izda nesa jiffirma.

8.2 F'sitt okkazjonijiet ir-rikorrent inghata twiddib miktub. L-ewwel darba allegatament ta fastidju lill-kollega, u ghalkemm cahad l-offiza nghata twiddiba miktuba. It-tieni darba allegatament falla mix-xoghol ghal jum shih u rega' kien imwiddeb bil-miktub. It-tielet darba allegatament dahal erbghin minuta tard ghax-xoghol u rega' kien imwiddeb bil-miktub. Ir-raba' darba allegatament dahal kwarta tard. Ghalkemm stqarr li kien dahal biss hames minuti tard, xorta wahda rega‘ kien imwiddeb bil-miktub. Il-hames darba allegatament falla mix-xoghol ghal jum shih u rega' kien imwiddeb. Is-sitt darba allegatament falla mix-xoghol, rega' kien imwiddeb bil-miktub u mgharraf li kellu jidher quddiem bord ta' dixxiplina rigwardanti t-twiddibiet kollha miktuba li kienu nhargu sa mill-bidu tal-impieg. Dan il-Bord ma lahaqx ezamina l-imgiba rilevanti tar-rikorrent ghaliex nhar it-08.07.11 sehh l-incident in kwistjoni u ntemmlu l-impieg.

8.3 Dan il-Bord ma kienx wiehed ta' appell, izda kien biex tittiehed decizjoni dwar is-sensiela ta' nuqqasijiet matul l-impieg tar-rikorrent li dwar sitta minnhom inhargu l-imsemmija twiddibiet miktuba. Ghalkemm il-kumpanija intimate ssostni li l-impjegati setghu jappellaw kull decizjoni primarja ta' dixxiplina, din l-opportunita` dehret miktuba darba biss f'ittra ta' twiddib mibghuta lir-rikorrent. Naturalment, anki jekk il-procedura interna ta' dixxiplina ma tinkludix appell, dan xorta wahda ma jirrendihiex invalida.

8.4 Malcolm Camilleri ikkonferma li nhar it-08.07.11 kien hareg ordni biex ir-rikorrent ma jithalliex jidhol jahdem qabel ma jaghmel kuntatt mal-*Human Resources Manager.* Joseph Cefai u John Gauci t-tnejn ikkonfermaw li kien hemm din l-ordni. Minbarra hekk Joe Cefai kkonferma li xi jum wara l-incident in kwistjoni kien iltaqa' mar-rikorrent fl-ufficcju tieghu. Zied jghid li matul din il-laqgha r-rikorrent inghata l-opportunita` li jispjega x'kien gara fil-jum tal-incident u fl-istess jum fil-ghaxija meta allegatament kien mar jilghab il-*football*. Ghalkemm fil-bidu r-rikorrent cahad l-allegazzjonijiet kontrih, finalment ammetta xi whud min-nuqqasijiet li jirrizultaw mill-istorja tal-kaz, inkluz li fl-istess jum mar jilghab il-*football*. Fi tmiem il-laqgha r-rikorrent inghata l-ittra tat-temma tal-impieg. Din ix-xhieda tat-tliet ufficjali kienet konsistenti u kredibbli, u konsegwetement tikkonferma li d-decizjoni tar-rikorrent ma kinitx sommarja, u li t-tkeccija saret wara li r-rikorrent inghata l-opportunita` li jiddefendi ruhu.

8.5 Ghalkemm ir-rikorrent stqarr li fil-jum tal-incident hu mar jilghab il-*football* ghaliex kien ga tkecca mill-impieg, ma kkontestax li l-ghada kien cempel li ma jiflahx, u qal biss li t-tabib tal-kumpanija intimata ma marx ghandu. Zied jghid li wara xi granet cempel u staqsa lil John Gauci biex jara kif kien ser jibqa' dwar l-impieg. Din il-parti tax-xhieda tar-rikorrent mhix kredibbli ghaliex jekk nhar it-08.07.11 mar jilghab il-*football* ghaliex kif qal hu kien ga tkecca, ma kellux ghalfejn l-ghada jcempel biex jirrapporta li ma setax jidhol ghax-xoghol ghaliex kien ma jiflahx. Wisq anqas ma kellux ghalfejn icempel jiem wara biex jara kif kien ser jibqa' dwar l-impieg.

8.6 Minn dan kollu t-Tribunal Industrijali ddecieda li matul l-impieg tieghu, ir-rikorrent ripetutament attenda tard ghax-xoghol u falla xi drabi minghajr permess minn qabel. Minbarra hekk ir-rikorrent inghata l-opportunitajiet li jiddefendi l-kazi tieghu, u konsegwentement ma nkiser ebda dritt tal-gustizzja naturali.

## 9. Decizjoni

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li t-tkeccija tar-rikorrent mill-impieg saret ghal raguni tajba u bizzejjed skont il-ligi.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il centezmu (€93.17).

__________________________

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**